**Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data**

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586.), aħna għandna d-dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li aħna niġbru mingħandek u aħna ser insegwu dan id-dmir. Aħna ser nieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex ma nħallux xi aċċess mhux awtorizzat. Aħna ma ngħaddux id-dettalji miġbura minnek bħala viżitatur u/jew utent, lil xi partijiet terzi sakemm ma tagħtiniex il-kunsens biex nagħmlu dan jew kif awtorizzat bil-liġi.

L-informazzjoni provduta minnek hija miżmuma b'mod kunfidenzjali għall-aħħar. Din l-istess informazzjoni tista' tinżamm mill-Aġenzija Sapport jew tiġi mgħoddija lil terzi persuni/entitajiet sabiex inti tkun tista' tieħu l-aħjar assistenza/servizz possibbli, dejjem skont il-liġi. L-informazzjoni tiegħek tista' tiġi miġbura minn terzi persuni/entitajiet għal dawn l-istess raġunijiet.

Int tista' tikteb biex tkun taf x'informazzjoni personali għandha dwarek l-Aġenzija Sapport, u eventwalment titlob biex l-informazzjoni tiġi korretta jew fejn applikabbli titħassar informazzjoni li mhix korretta, b'referenza għat-talba li għamilt. Din it-talba trid tintbagħat lil:

Kontrollur tad-Data, Aġenzija Sapport
Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera SVR 1614

jew permezz ta' imejl lil gdpr.sapport@gov.mt u azzjoni neċessarja tittieħed mill-aktar fis possibbli. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, ismek, l-indirizz, kif ukoll xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.